MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 38/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin John Cauchi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin John Cauchi talli fl-14 ta' Awissu, 2001, ghall-habta tat-3.00 pm fi Triq Birzebbuga, Bir id-Deheb, limiti taz-Zejtun, saq vettura nru BBM-602 (**1**) b'manjera traskurata, (**2**) perikoluza, (**3**) b'giri aktar milli suppost, u aktar (**4**) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqaa tat-tharis tar-regolamenti habat ma' vetturi numru LAH-465, TWM-185 u IBF-448 u nvolontarjament ikkagunalhom hsarat a dannu ta' Fabian Borg, Twanny Mifsud u Agnes Caruana rispettivament; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Kevin John Cauchi jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Frar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-istess Kevin John Cauchi hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' mija w hamsin lira (Lm150) u skwalifikatu milli jkollu u jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Kevin John Cauchi, minnu ppresentat fit-3 ta' Marzu, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li ma kienx hemm provi sufficjenti li a bazi taghhom huwa seta' jinstab hati mill-ewwel qorti. L-appellant jikkontendi li hu u jersaq lejn l-*intersection* li kienet regolata bit-*traffic lights* id-dawl li kien faccata tieghu kien ahdar. Kif appena beda jghaddi mill-imsemmija *intersection* u kien qed jilwi lejn il-lemin diehel fil-karreggjata tal-karozzi gejjin minn Birzebbuga fid-direzzjoni taz-Zejtun, huwa intlaqat fil-genb mill-vettura Cortina LAH-465 misjuqa minn Fabian Borg. Bid-daqqa li irceva baqa' jdur aktar lejn il-lemin, qabez is-*centre strip*, u dahal f'zewg vetturi li kienu fil-karreggjata li miz-Zejtun tiehu ghal Birzebbuga.

Issa, bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti jekk tkun tal-fehma li l-ewwel qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Wara li semghet il-provi kollha, inkluza d-deposizzjoni ta' Twanny Mifsud moghtija fl-udjenza tal-lum, din il-Qorti hi tal-fehma li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, pero` ma tistax taqbel ma' l-ewwel qorti ghal dik li hi t-tielet imputazzjoni. In fatti ma hemm ebda prova cara ta' xi velocita` partikolari (cioe` velocita` li ma kienitx regolamentari jew li altrimenti ma kienitx indikata ghall-lokalita` jew ghac-cirkostanzi). Pjuttost li din Qorti tara li l-appellant kien negligenti ghax ipprova jghaddi mit-

*traffic lights* meta dawn kienu waslu biex jaqilbu, u ma hax in konsiderazzjoni – kif sewwieq prudenti ghandu jiehu – il-fatt li malli jibda jaqleb id-dawl li kellu quddiemu kien sar jaqleb ukoll id-dawl ghal vetturi gejjin minn direzzjonijiet ohra. Ma hux eskluz f'dan il-kaz li seta' kien hemm negligenza kontributorja wkoll minn naha tas-sewwieq tal-Cortina, li ghadda mill-*lights* kif appena dawn qalbu jew bdew jaqilbu minghajr ma hares lejn traffiku li kien ghadu – tajjeb jew hazin – jaqsam mid-direzzjoni ta' Marsaxlokk.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tielet imputazzjoni u minnha tilleberah; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' mija w hamsin lira u fejn skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' sena, u minflok tikkundannah ghal multa ta' hamsin lira (Lm50) (konvertibbli f'ghaxart ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi) u tiskwalifikah mill-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' tlett xhur (li jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------